MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 53/2009/1

**Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u s-soċjetà Garden of Eden Garage Limited**
**v.**
**Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta, Ministru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura u Prim Ministru għal kull interess li jista’ jkollu u b’digriet tat-8 ta’ Jannar 2010, l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza flok l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta’ rikuża tal-Prim Imħallef Silvio Camilleri, President ta’ din il-Qorti, u tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo mressqa mill-atturi.

2. Il-fatti li huma relevanti għal dan l-episodju huma dawn: F’din il-kawża tallum l-atturi qegħdin jitolbu rimedju għax igħidu illi r-rifjut tal-konvenuti li jagħtuhom permess biex iħaddmu *open-top double-decker ’buses* huwa bi ksur tal-jeddijiet tagħhom imħarsa taħt l-artt. 37 u 45 tal-Kostituzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”], l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

3. Barra mill-kawża tallum, is-soċjetà attriċi *Garden of Eden Limited* kienet fetħet kawża oħra kontra l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta (rikors 474/2009) li kienet maqtugħa b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Ġunju 2012. Dik il-kawża kienet dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-istess rifjut li jinħarġu l-permessi għall-*open-top double decker ’buses*. Tnejn mill-imħallfin tal-Qorti tal-Appell meta tat is-sentenza tal-28 ta’ Ġunju 2012 kienu ż-żewġ imħallfin li dwarhom ingħatat l-eċċezzjoni ta’ rikuża fil-kawża tallum.

4. Għalkemm fil-kawża tallum qiegħed jintalab rimedju taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni waqt illi fil-kawża maqtugħa fit-28 ta’ Ġunju 2012 ir-rimedju kien ta’ stħarriġ ta’ għemil amministrattiv, fiż-żewġ każijiet sar jew irid isir stħarriġ tal-għemil tal-konvenuti li dwaru ż-żewġ imħallfin rikużati taw, u issa reġgħu huma msejħa biex jagħtu, il-fehma tagħhom.

5. Hekk, fis-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2012 il-Qorti tal-Appell qalet, *inter alia*:

«28. … … … fl-opinjoni ta’ din il-qorti, [l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta] ma setgħetx fuq direttiva ministerjali tabdika mir-responsabbiltajiet tagħha u tħalli fil-limbu għal diversi xhur operatur li kien għamel investiment qawwi abbażi ta’ qafas legali li kien jirregola s-suq fiż-żmien meta l-istess vetturi ġew importati.»

6. Fis-sentenza li minnha sar dan l-appell tallum ingħad:

«L-inattività tal-gvern li jirregolarizza dan is-suq għal tul ta’ snin, jammonta għall-interferenza mhux f’waqtha fit-tgawdija mir-rikorrenti tal-possedimenti tiegħu, u dan minħabba l-inċertezza li l-gvern ippermetta li tibqa’ tissussisti għal żmien twil fis-suq lokali.»

7. Billi issa din il-qorti hija msejħa biex tisma’ appell minn sentenza li kienet motivata *inter alia* mill-konsiderazzjoni miġjuba fuq, huwa inevitabbli illi din il-qorti jkollha tqis meritu li dwaru ġà ngħatat il-fehma tal-imħallfin li kienu wkoll fil-qorti li tat is-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2012.

8. Dawn is-siltiet inġiebu biss bħala eżempju, iżda huma biżżejjed biex juru illi ż-żewġ imħallfin li dwarhom ingħatat l-eċċezzjoni ta’ rikuża ġà taw il-fehma tagħhom “dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha”, kif jgħid u jrid l-art. 734(1)(*d*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex imħallef jista’ jiġi rikużat.

9. Il-qorti għalhekk tilqa’ l-eċċezzjoni ta’ rikuża tal-Prim’Imħallef Silvio Camilleri u tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------